VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 15**

L-Erbgħa 14 ta' April, 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Attard, Raymond Azzopardi u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 14 li saret nhar L-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li wara li sar il-protest kontra l-AG, id-dipartiment ta' l-artijiet bgħat korrispondenza lill-kunsill.

1.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li l-problema bil-kumpanija tal-wardens qegħda tippersisti. Il-Kunsill anke rċieva notifika mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar dan in-nuqqas.

1.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li wara l-laqgħa li l-kunsill kellu mal-kumitat ta' La Valette u wara li is-Sindku ta' Palazzuolo bghatlu stedina ufficjali, hu laqgħa l-istendina tagħhom u se jakkompanja lill-banda ġewwa Palazzolo fid-29 ta' Ġunju 2014.

1.4 Il-Kunsill ppropona li għandu jirċievi pjan kif se titlesta l-pjazza ta' Kastilja. Saret diskussjoni wkoll dwar il-laqgħa li saret ma' l-għaqda Dumnikana fil-Belt Valletta biex Papa Piju V jitqiegħed fil-Pjazza ta' San Gwann, u l-Ex-Prim Ministru Nerik Mizzi jitpoġġa mal-Prim Ministri l-oħra fil-Pjazza l-ġdida ta' Kastija.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li qed isiru preparamenti biex isiru l-laqgħat mar-residenti. Il-Kunsill diga ppropona dati mal-paroċċi pero hemm bzonn konferma min naħħa tagħhom peress li hemm xi festi. Kien hemm qbil dwar dan.

2.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li ser tibda tiġi ppreparata tender biex issir web-site ġdida tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil dwar dan.

2.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li bejn 14 u 17 ta' Mejju 2014 ser izur Ċipru parti mill-preparamenti għal-World Carnival Cities. Nforma li se jkun akkompanjat mit-Town Centre Manager Matthew Carbonaro. Nforma li waqt din iz-zjara se jkun qed izur lis-Sindku ta' Nicosia biex isir Twinning bejn iz-zewġ bliet Kapitali. Kien hemm qbil dwar dan.

2.4 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar il-Festa ta' Santu Wistin u Santa Rita li jsiru f'Mejju. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li fi żmien sentejn il-Belt ikollha 450 anniversarju u għalhekk qed inħejju marketing campaign. Kien hemm qbil dwar dan.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Kunsillier Raymond Attard ppropona li ssir traffic calmer viċin il-kamrata. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Sur Lawrence Camilleri biex issir traffic calmer fi Triq il-Mercanti. Din ġiet approvata peress li dan anke gabar firem tar-residenti ta' l-akwata. Kien hemm qbil dwar dan.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand V18. Il-Kunsill qabel li għal-laqgħa li jmiss għandu jistieden lis-Sur Jason Micallef. Kien hemm qbil dwar dan.

4.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TCTC biex isiru l-korsijiet fis-Sajf. Bħal kull sena il-kunsill ikonferma li dawn jergħu isiru. Kien hemm qbil dwar dan.

4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex jattendi laqgħa l-OPM dwar l-festeġġamenti ta' l-10 Anniversarju ta' Malta. Is-Sindku propona li peress li ser tingħalaq il-Belt min naħħa tal-Pixkerija, il-Belt kollha ghanda tingħalaq minħabba l-fatt li residenti ma' jkollhomx fejn jipparkjaw. Kien hemm qbil dwar dan.

4.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Valletta fc biex bħal ma jsir issoltu ssir il-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif u l-Portable toilets. Il-Valletta fc nforma wkoll dwar il-bars li ser jingħataw il-permessi biss lil min informana l-Klabb. Kien hemm qbil dwar dan.

4.6 Il-Kunsill rċieva l-Bye Law min għand l-avukat dwar – Control of Noise Pollution. Kien hemm qbil dwar dan.

4.7 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kumpanija GreenPak. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li il-gurnata ta' Tlieta tkun biss għar-Recyling. Dan minħabba li r-residenti mhux qed jirriċiklaw biżżejjed. Għalhekk fil-ġurnata ta' Tlieta jinqata' l-ġbir domestiku. Il-Kunsillier Raymond Attard ppropona li ssir kampanja edukattiva mat-tfal tal-Primarja. Dr Norman Shaw tkellem dwar problema li l-kartun flat packed ma kienx qed jingabar. Kien hemm qbil dwar dan.

4.8 Il-Kunsill rċieva korrispondenza dwar PooPrints for Cities. Kien hemm qbil dwar dan.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

5.1 Is-Segrerarja nfurmat peress li l-ammonti tal-leave 2013 ta' impjegati ma tnizzilx fil-minuti ta'Jannar ser jitniżżlu f'dawn il-minuti.

| | | |
|---|---|---|
| 5.1.1 | Gabriella Agius | 318 siegħa |
| 5.1.2 | Matthew Carbonaro | 0 |
| 5.1.3 | Elaine Caruana | 20 siegħa |
| 5.1.4 | Emy Micallef | 8 siegħa |

5.1.5 Tony Galea 108 siegħa
5.1.6 Joseph Griffiths 90 siegħa

5.2 Is-Segretarja preżentat l-ispejjez għax-xahar ta' Marzu - April 2014. Dawn gew approvati.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal-Erbgħa 28 ta' Mejju 2014 fit - 19.30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku